SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 T'OTTUBRU 2001

Avviz numru 335/01DM

Joseph Farrugia ezercenti l-kummerc f'isem id-ditta Farrugia Enterprises

Vs

Christabel Ellul

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuta ghal hlas tas-somma ta' tlett mija u disghin liri Maltin (Lm390.00) rapprezentanti l-prezz tal-merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjatha.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja datata 8 ta' Novembru 2000, u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment, u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata msejjha ghal tlett darbiet la dehret biex tikkontesta it-talba attrici u lanqas ma dehret fis-seduta tal-llum biex tirrispondi ghad-domanda in subizzjoni.

Ghaldaqstant l-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda ghalhekk tilqa` it-talba attrici u qieghda tikkundanna lil konvenuta sabiex thallas lil attur s-somma mitluba ta' tlett mija u disghin liri Maltin (Lm390.00) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mis-17 t'April tas-sena 2001 u bl-ispejjez konra l-konvenuta.

Mag Dr. Dennis Montebello LL.D.

S. Farrugia
Dep Reg